MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2007

Numru. 1263/2007

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
JONATHAN SPITERI

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jonathan Spiteri ta’ 26 sena mwieled il-Pieta’ nhar is-27 t’Awissu, 1981, bin Anthony u Frances nee’ Buckingham residenti gewwa Blokk G, Flat 8, Triq Jean Houel, San Giljan u detentur ta’ Karta ta’ l-Identita’ Nru 481081M fejn gie akkuzat:

1. Talli fl-stadium nazzjonali ta’ Qali nhar, l-4 ta’ Ottubru 2007, fil-hinijiet bejn 9:20p.m. u 9:45p.m. ta’ filghaxija, waqt u kif ukoll wara l-loghba tal-football bejn Sliema u Valletta, xewwex gemgha ta’ nies, illi hekk imxewwxa ingabru f’numru ta’ ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat liema reat filfatt sar, u dan ai termini tal-artikoli 68(1)(3) tal-9 tal-ligijiet ta’ Malta.

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ukoll jekk dik il-gemgha ta' nies ma kienet giet imxewxa minn hadd partikolari u dan bi ksur ta' l-artikolu 68(2) tal-9 tal-ligijiet ta' Malta.

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi pubblikament, xewwex lil persuni ohra sabiex jiksru l-ligi, u dan bi ksur ta' l-artikolu 70 tal-9 tal-ligijiet ta' Malta.

4. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi pubblikament xewwex persuni ohra sabiex jinholoq reat u dan ai terminu tal-Artikolu 69 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ittanta li jattakka u jew jaghmel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma titqies vjolenza pubblika kontra l-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' kontra s-Superintendent Carmelo Bartolo u diversi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti liema attentat ma sehhx minhabba xi haga acidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan ai termini ta' l-artikoli 41, 92 u 96 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' membri tal-korp tal-Pulizija u cioe' s-Superintendent Carmelo Bartolo u diversi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan ai termini tal-artikoli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hedded bi kliem lil diversi ufficjali tal-Pulizija u dan ai termini tal-artikolu 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor u cioe' l-istess membri tal-Korp tal-Pulizija, jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li setghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamlu skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun u dan ai termini tal-aritkolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku u dan ai termini tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb kontra persuni sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor u cioe' deversi membri tal-Korp tal-Pulizija u dan ai termini tal-artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti li jikkonsisti f'dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika u dan ai termini ta' l-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. Talli fl-istess, data, hin u cirkostanzi uza kliem offensiv lejn diversi membri tal-Korp tal-Pulizija msemmija aktar 'l fuq, jew gab ruhu abbuzivament, u dan ai termini tal-artikolu 7 tal-legislazzjoni sussisdjarja 10.33 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi joghgobha tapplika l-artikolu 9 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta billi tordna illi l-istess imputat ma jattendix fi 'grounds ta' sports' ghal dak il-perijodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 13).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 41, 68(1)(3), 68(2), 69, 70, 92, 95, 96, 338(bb), 338(dd), 338 (ee), 339(d), 339(e) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah seba' xhur prigunerija sospizi ghal erbgha snin filwaqt li tipprohibixxi l-attendenza tal-imputat f'kull ground tal-football f'Malta u Ghawdex ghal perijodu ta' sentejn u tikkundannah ihallas multa ta' hames mitt lira Maltija (Lm500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------